A.L. 385 tal-2018

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:

Titolu. **1.** It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 497.25.

Tifsir. **2.** Minnufih wara l-artikolu 7 tal-ordni prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Kontinwità.

8. Kull ħaġa li bdiet minn jew f'isem l-Awtorità, jew kull applikazzjoni ma', Identità Malta qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni liema ħaġa jew applikazzjoni li għandha x'taqsam mal-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta kif imwaqqaf taħt l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, din il-ħaġa jew applikazzjoni tista' titkompla jew tiġi kompletuta minn jew f'isem l-Awtorità tal-Aġenzija. Kap. 188.

Drittijiet u obbligazzjonijiet.

9. Drittijiet u obbligazzjonijiet li joħorġu minn kuntratti ta' servizz li Identità Malta tkun iffirmat ma' aġenti, konsulenti jew ma' provdituri ta' servizz relatat mal-amministrazzjoni tal-Programm tal-Investitur Individwali tal-Repubblika ta' Malta kif imwaqqaf taħt l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, li kienu effettivi qabel id-dħul ta' dan l-ordni, jistgħu bi ftehim bejn Identità Malta u l-Aġenzija, jiġu assenjati lill-istess Aġenzija. Kap. 188.

Proċeduri legali.

10. Fejn minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni, kwalunkwe proċeduri legali fejn Identità Malta kienet jew setgħet tkun parti, hija pendenti u dawn il-proċeduri jagħmlu referenza għall-amministrazzjoni tal-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta kif imwaqqaf taħt l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija jew għal applikazzjoni magħmula għal dan l-iskop, l-Aġenzija għandha, b'effett minn dik id-data, tiġi sostitwita f'dawk il-proċeduri minflok Identità Malta.". Kap. 188.